# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 706/2010 MH**

**Illum, 14 ta' Novembru, 2018**

**Aldrin Muscat**

**vs**

**Charles u Bridget Sacco**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tat-13 ta' Lulju 2010** li permezz tiegħu espona:

*"1. Illi huwa kien miżżewweġ lil bint il-konvenuti u ċioe' lil Valerie Muscat nee' Sacco.*

*2. Illi llum huma de facto separati u qegħda ssir kawża ta' separazzjoni bejniethom.*

*3. Illi matul iż-żwieg ta' bejn Aldrin u Valerie Muscat il-konvenuti ħajjru lill-attur sabiex jibni dar fuq biċċa art li kellhom il-konvenuti fil-limiti taż-Żurrieq u fuq din l-art l-attur tella l-fond 56, Meadowlark, Triq Demello, Żurrieq, bil-wegħda mill-konvenuti li huma jdawwru fuq mart l-attur l-istess art u eventwalment din kellha tkun id-dar matrimonjali tagħhom.*

*4. Illi mart l-attur u ċioe' Valerie Muscat dejjem qalet lill-attur li missierha kien bi ħsiebu jdawwar l-art fuqha minn mument għall-ieħor.*

*5. Illi l-attur bena din l-art f'dar sabiħa li ġġib l-indirizz 'Meadow Lark', Triq De Mello, Zurrieq u nefaq is-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, seba' mija u ħamsa u sittin ewro (55,765 ewro) kif ukoll għamel xogħol li hu jistma għas-somma ta' ħmistax-il elf, mitejn u seba u ħamsin ewro (15,257 ewro).*

*6. Illi l-attur sar jaf waqt il-kawża ta' separazzjoni li l-konvenuti ma kinux dawwru l-istess art fuq martu.*

*7. Illi l-konvenut ammetta waqt il-kawza ta' separazzjoni bejn l-attur u martu li hu ma kienx ikkumpensa lill-attur tal-flus li nefaq fid-dar in kwistjoni imma kien " ħallsu" billi kien jitimgħu meta l-attur kien għarus.*

*8. Illi llum fid-dar in kwistjoni tgħix il-mara ta' l-attur li tiġi bint il-konvenuti.*

*9. Illi kemm martu Valerie kif ukoll il-konvenuti rrifjutaw iħallsu lill-attur il-flus li nefaq biex inbniet id-dar u wkoll tax-xogħol li għamel biex inbniet.*

*10. Illi jidher ċar li l-konvenuti iridu jarrekkixxu ruħhom b'mod indebitu minn fuq dahar l-attur.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:*

*1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta' l-attur fis-somma ta' wieħed u sebgħin elf u tnejn u għoxrin ewro (71,022 ewro) kwantu għal 55,765 ewro bħala ħlas ta' xogħolijiet u materjal li ħallas l-attur biex jinbena u jiġi attrezzat il-fond Meadow Lark, Triq De Mello, Zurrieq fuq l-art tal-konvenuti; u kwantu għal 15,257 ewro bħala ħlas tax-xogħol li hu għamel fil-kostruzzjoni tal-istess fond;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' 71, 022 ewro għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-imgħaxijiet relattivi u bl-ispejjeż u bil-konvenuti nġunti minn issa għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tat-3 ta' Awwissu 2010**[1] li permezz tagħha esponew:

1. *Illi bħala eċċezzjoni preliminari l-fatt li l-azzjoni ta' l-attur rikorrenti hija llum preskritta, bi preskrizzjoni ta' sentejn u għalhekk il-kawża ma tista' qatt tirnexxi;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti qatt ma għamel ebda ftehim mar-rikorrenti sabiex isiru benefikati sabiex eventwalment, l-istess eċċipjenti iħallas għal tali benefikati kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti Muscat;*
3. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni, it-talba hija esaġerata;*
4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku nkarigat minnha l-perit Nicholas Mallia.

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ tal-lum l-attur jippremetti li kien iżżewweġ lil bint il-konvenuti Valerie u fuq art proprjeta' tal-istess konvenuti ġewwa ż-Żurrieq bena a spejjeż tiegħu dar li kellha sservi bħala l-fond matrimonjali tal-attur u martu. Skont l-istess

[1] Fol 25 et seq

attur il-konvenuti kienu wegħdu li l-art li fuqha nbniet id-dar kienu se jdawruha fuq binthom, mart l-attur. Eventwalment il-konjuġi Muscat bdew proċeduri ta' separazzjoni u fil-kors tagħhom l-attur sar jaf li din l-art qatt ma kienet ġiet trasferita għal fuq isem Valerie. L-attur intavola l-proċeduri odjerni sabiex jitlob lill-konvenuti jħallsuh is-somma ta' €71,022 li tkopri x-xogħlijiet kollha relatati mal-bini u l-attrezzar tal-fond.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirrespinġu l-pretensjonijiet tal-attur bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Oltre eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni huma jirribattu li qatt ma kienu ftehmu mal-attur li jħallsuh ta' xi benefikati li jkun għamel fuq l-art u fi kwalunkwe każ is-somma pretiża hija esaġerata.

## A. PROVI

1.Xehed **l-attur Aldrin Muscat**[2] li qal li huwa kien għarus lil Valerie Muscat u eventwalment iżżewwiġha. Missierha, l-konvenut Charles Sacco, kellu biċċa art iż-Żurrieq u ftehmu li l-attur jibni d-dar tagħhom fuqha. Missierha ħa gost li huma kienu sejrin joqogħdu ħdejhom u qalilhom li meta jinbena l-post kien ser idawwar l-art fuq bintu. L-attur ma qagħadx jidħol fid-dettal ta' kif dan it-trasferiment kien ser isir għax dak iż-żmien kien moħħu biss biex jara kif ser isir ix-xogħol u huwa afda kemm lill-għarusa tiegħu kif ukoll lil missierha dwar dan.

Peress li fuq l-art kien hemm garaxx, l-attur beda billi l-ewwel waqqgħu. Il-konvenut kien ħallas biex jitkisser is-saqaf ta' dan il-garaxx bil-*jackhammer* pero' l-attur kien ħatt il-garaxx ġebla ġebla biex jużah għall-*basement*. It-tħammil ukoll kien f'idejn il-konvenut u ħallas għalih hu. Sacco bena wkoll il-*basement* sal-planki, u mill-planki 'l fuq bnieh l-attur minn flusu. Il-post in kwistjoni – "Meadowlark", Triq Demello, Żurrieq jikkonsisti (minbarra l-*basement*) f'żewġ sulari bini u *washroom*. Din hija *terraced house* u l-attur lestiha ġebel u saqaf u lestiha minn kollox.

Fl-affidavit l-attur ta rendikont ta' kemm u lil min ħallas biex saru x-xogħlijiet li kienu jinkludu l-bini, drenaġġ, katusi tal-ilma, kisi u tibjid, xogħol ta' elettriku, tarġ tal-irħam, kmamar tal-banju, aluminium tat-twieqi, bibien, aperturi tal-

[2] Affidavit a fol 42 et seq

injam, xogħol ta' ħadid, stained glass, gypsum, membrane tal-bejt, madum eċċ. Huwa qal ukoll li l-irċevuti li ma ppreżentax aktarx kienu qegħdin għand Valerie Muscat għax meta fittixhom ma sabhomx.

L-attur kompla jgħid li huwa dam miżżewweġ lil Valerie mill-1997 sal-2005. Huwa minn dejjem kien bl-impressjoni li l-konvenut kien dawwar l-art in kwistjoni fuq bintu għaliex kien jgħid "bħalma tajt lil waħda nagħti lill-ieħor" jiġifieri bħalma ta l-art lil Valerie kien ser jagħti biċċa art lit-tifel tiegħu Geoffrey. Għalhekk huwa dejjem ħaseb li l-art kienet daret fuq Valerie. Tant hu hekk li waqt il-kawża ta' separazzjoni bejnu u bejn Valerie kienu anke saru taħdidiet bejn l-avukati sabiex Valerie Muscat tagħtih il-flus li ħareġ u b'hekk forsi kienu jwaqqfu l-kawża tas-separazzjoni u jagħmluha bonarja. Dawn it-taħdidiet damu sejrin u kien lejn l-aħħar tal-kawża li hi qalet li missierha ma riedx jagħtiha flus u qalet li l-art missierha ma kienx dawwarha fuqha. Hawnhekk l-attur ħass li kienu lagħbuh u hi bdiet twaħħal f'missierha li ma riedx jagħtiha flus.

Meta missierha l-konvenut odjern kien tela' jixhed huwa ammetta li lill-attur ma kien tah xejn talli bena l-fond in kwistjoni iżda qal li kien ħallsu billi meta kien għarus ġieli tah x'jiekol meta kien ikun għandhom.

Illum id-dar mertu tal-proċeduri odjerni toqgħod fiha Valerie Muscat u magħha qed jgħix raġel ieħor li minnu għandha wild kif konfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ta' separazzjoni.

L-attur iħoss li għandu jitħallas ukoll il-flus tax-xogħol li huwa għamel. Għamel kalkolu ta' bejn wieħed u ieħor ix-xogħol li għamel[3] li b'kollox jammonta għas-somma ta' €5,950 (u mhux kif qal fil-bidu meta fetaħ il-kawża). Huwa qed jistma x-xogħol tiegħu bir-rata ta' €20 fis-siegħa. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti filli: waqqa' l-garaxx li bnew id-dar minfloku, qatta' t-trinek għad-dawl, daħħal iż-żrar u t-terrapien, kien jgħin lil dawk li jiksu billi jixkatla, ħaffer fil-bir u ħammel il-ġiebja, żeba' u bajjad diversi kmamar u xogħol ieħor li ma setax jiftakar.

L-attur iħoss li l-ex martu u l-konvenuti ftehmu bejniethom biex lilu ma jagħtuh xejn. Issa qed jinduna li Valerie bdiet taparsi trid ittih il-flus li ħareġ biex imbagħad lejn l-aħħar tal-kawża ta' separazzjoni bdiet tgħid li hu m'għandu xejn għax l-art baqgħet fuq missierha l-konvenut.

[3] Dok X a fol 45

L-attur spjega li hu mhuwhiex qed jitlob sehem mill-valur tad-dar, għaliex id-dar kompluta llum tiswa xi Lm200,000 (€465,874). Huwa qed jitlob biss dawk il-flus li ħareġ. Qal ukoll li kważi l-flus kollha ħlief xi affarijiet żgħar ta' ġewwa ħallashom minn flusu ta' qabel iż-żwieġ.

Meta l-**attur xehed viva voce** fuq ordni tal-Qorti[4] qal li huwa kien iżżewweġ fit-2 t'Awissu 1997 u kkonferma li l-fond "Meadowlark", Triq Demello, Żurrieq kien il-fond fejn hu u martu kienu jgħixu. Hu kien jaħdem ma' missieru u martu kienet impjegata mad-dipartiment tal-edukazzjoni. L-ispejjeż li tagħhom qed jitlob ir-rimbors uħud minnhom saru meta kienu għadhom għarajjes u oħrajn wara ż-żwieġ. Id-dar inbniet qabel ma żżewġu. Wara li żżewġu hu u martu kienu marru jgħixu ġewwa appartament f'Wied iż-Żurrieq għal ftit xhur u mbagħad marru jgħixu fid-dar mertu tal-proċeduri odjerni u damu fiha sakemm baqgħu flimkien. Meta hu u l-mara daħlu jgħixu fid-dar ix-xogħol kien lest fis-sens li kellhom il-madum imqiegħed, kmamar tal-banju, aperturi, dawl u ilma u dak kollu li wieħed ikollu bżonn biex jidħol jgħix f'post abitabbli. Huwa kkonferma li minn naħa tiegħu kellu flus imġemmgħin. Parti mill-flus kienet iżżommhomlu ommu u parti oħrajn kienu l-bank. L-ispiża li saret qabel iż-żwieġ ħariġha kollha huwa minn butu. Mistqosi mill-Qorti jekk qattx kien staqsa lill-konvenuti biex iħallsuh tal-ispiża li kien għamel qabel inqalagħlu l-inkwiet mal-mara wieġeb illi le. Huwa kkonferma li għal dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol li sar fid-dar hemm xogħol li huwa għamel personalment, xogħol ieħor li għamluh ħaddiema mqabbdin minnu u hemm ukoll materjal li kien jixtri minn żmien għal żmien.

L-attur ikkonferma li l-ewwel waqqgħu il-garaxx u mbagħad bdew bl-iżvilupp tad-dar. Mistoqsi mill-Qorti jekk martu qattx ħallset xi spejjeż biex inbena l-fond huwa wieġeb li le. Qal ukoll li huwa qatt ma talabha biex tħallas sehemha minn dawn l-ispejjeż. Hu kien jaf minn qabel ma beda jibni li s-sit fejn inbniet id-dar hija proprjeta' tal-ġenituri ta' martu u ċioe' l-konvenuti. Imma qal li dawn suppost qalbu d-dar fuqhom it-tnejn. Dan kien il-ftehim bil-fomm waqt li kien għaddej il-bini. Lill-mara kien sikwit jgħidilha biex tieħu ħsieb biex id-dar tinqaleb fuq isimhom u hi kienet twieġbu li ser tgħidilhom. Pero' x'qaltilhom eżatt lill-ġenituri ma kienx jaf. Huwa personalment qatt ma tkellem mal-konvenuti biex jitlobhom jaqilbu d-dar fuq isimhom. Mistoqsi ma' min kien għamel il-ftehim verbali li d-dar għandha tinqaleb fuq ismu u fuq isem il-mara huwa wieġeb li ma' martu.

[4] Fol 53 et seq

L-attur qal ukoll li kien issa ilu circa għaxar snin li tkeċċa mid-dar filwaqt li martu baqgħet tgħix hemm. Żied jgħid ukoll li fid-data li tkeċċa mid-dar l-ispejjeż kollha li għamel fil-bini tad-dar kif ukoll ix-xogħol li għamel hu kollha hemm kienu. Miż-żwieġ tiegħu ma' Valerie huma kellhom tifla.

Huwa kkonferma li d-dar tal-konvenuti tiġi faċċata tad-dar mertu ta' dawn il-proċeduri. Dwar ix-xogħol li huwa għamel personalment huwa qal li dan kien jinkludi t-twaqqiegħ tal-garaxx u kien ġab lil xi ħadd biex ineħħilu s-saqaf. Missier il-mara ġieli ħadem u għamel l-aperturi tal-injam. Huwa kkonferma li l-pedament u l-*basement* saru a spejjeż tal-konvenuti. L-attur ħallas għal dawk l-ispejjeż li jirrigwardaw iż-żewġ sulari. Huwa kkonferma li għamel l-ispejjeż għall-*finishing* iżda l-konvenut ħa ħsieb jagħmel l-aperturi kollha li hemm tal-injam. Madankollu fid-dar hemm ukoll aperturi li ma humhiex tal-injam iżda tal-aluminium. L-aperturi fuq il-faċċata tad-dar huma tal-injam u nħadmu mill-konvenut li huwa mastrudaxxa. L-attur ħallas għall-aperturi li huma tal-aluminium. Il-perit kien Karmenu Vella u tqabbad mill-konvenut u huwa ma kellu xejn x'jaqsam miegħu. Bħala eżempju semma lill-bennej u qal li kief bena sular dan tah il-kont u hu kien iħallas lill-bennej skont il-kont li jtih. Il-kontijiet ma kienx jagħtihom lill-konvenuti. Ladarba kien qed iħallashom hu kien iżommhom hu, anzi jtihom lil ommu biex iżżommhomlu hi.

Id-dar ġiet iddisinjata u saret bil-mod kif xtaqu l-attur u martu u l-ġenituri tagħha ma kinux involuti. Huwa kkonferma li meta nqala l-inkwiet fiż-żwieġ kien talab lil martu biex tagħtih l-ispiża li kien għamel fil-post (l-ispiża li llum qed jitlob fil-kawża) iżda mal-konvenuti qatt ma kellu diskussjoni dwar il-ħlas pretiż minnu fil-kawża. Qal ukoll li l-ħlas kien qed jippretendih mingħand martu fil-kawża ta' separazzjoni u oriġinarjament is-sentenza tal-ewwel Qorti kienet favurih fis-sens li kien ġie deċiż li martu għandha tħallsu l-ispiża li kien għamel fil-bini tad-dar. Iżda l-Qorti tal-Appell kienet sussegwentement irrevokat dik il-parti tad-deċiżjoni. Għalhekk issa huwa qiegħed jitlob il-ħlas mingħand il-konvenuti bħala sidien tal-art. L-attur kompla jixhed li s-somma li kien talab lil martu kienet ħafna inqas minn dak li effettivament nefaq minn butu.

L-attur esebixxa wkoll diversi riċevuti ta' ħlasijiet li kien għamel fir-rigward tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri[5] u esebixxa prospett fejn elenka kemm xogħlijiet li tagħhom huwa m'għandux riċevuti kif ukoll xogħlijiet li għalkemm

[5] Fol 4 et seq

ġew preżentati l-irċevuti tagħhom, min kien għamel ix-xogħolijiet jew issuplixxa l-materjal lahaq miet[6].

**In kontro-eżami**[7] huwa qal li kien għamel ix-xogħlijiet fil-fond in kwistjoni għax dan kien intiż li jintuża bħala l-fond matrimonjali kief fil-fatt ġara. Ovvjament meta għamel dawn ix-xogħlijiet ma kellu ebda idea li hu u martu kienu ser jisseparaw eventwalment. Huwa saħaq li kien ġie mkeċċi mid-dar u mhux li ħareġ huwa mid-dar kif suġġerit mill-avukat tal-konvenuti. Dan kien seħħ circa 4 snin wara ż-żwieġ jew anke wara.

Fil-kors tal-kawża l-attur preżenta diversi dokumenti fosthom ix-xhieda li taw Valerie Muscat u Charles Sacco fil-kawża ta' separazzjoni bejn il-konjuġi Muscat Nru 75/05 a fol 140 et seq.

2. Xehed **Joseph Muscat, missier l-attur**[8] li qal li meta ibnu kien għarus lil Valerie huwa kien offrilhom li jibnu dar kbira li hu u martu kellhom il-Qrendi. Huwa ma kienx ser joħdilhom flus ta' din l-arja. Imma ibnu l-attur qallu li Valerie xtaqet tmur toqgħod quddiem il-ġenituri tagħha ż-Żurrieq. Ibnu qallu li missier Valerie kien ser jagħtiha l-art b'xejn.

Aldrin beda jqabbad lin-nies biex jibnu d-dar u joħroġ il-flus hu. Dan jafu għax martu kienet iżżommlu l-flus għandha u ta' spiss kien jitlobha l-flus biex iħallas lill-bennej u lill-ħaddiema l-oħra kollha tal-materjal ta' xogħolhom. L-irċevuti kienet iżżommhomlu l-mara tiegħu u ċioe' omm l-attur.

Ix-xhud qal li ġieli mar fuq il-post li kien qed jibni u rah jagħmel diversi xogħolijiet hemm ġew. Ġieli rah ineħħi ġebel ta' garaxx żgħir li kien hemm biex ikun jista' jsir il-bini, daqqa kien iħammel, daqqa jbajjad u jagħmel it-rinek u affariijiet oħra. Kien jiġi d-dar għajjien mill-post.

Meta l-attur u martu sseparaw, huwa qalilhom li kemm Valerie u kemm missierha ma ridux jagħtuh il-flus li ħareġ lura u għadu jgħid li sa issa għadu ma ħa xejn.

3. Xehdet **Filomena Muscat, omm l-attur**[9] u qalet li meta binha kien għarus lil Valerie hi u żewġha kienu offrewlhom li jibnu l-post fuq garaxx kbir li

[6] Fol 69
[7] Fol 71
[8] Affidavit a fol 49 et seq
[9] Affidavit a fol 51 et seq

għandhom fil-Qrendi iżda Valerie bdiet iġġib ħafna skużi fosthom bit-taraġ u l-fatt li riedet tmur toqgħod ħdejn il-ġenituri tagħha ż-Żurrieq. Aldrin ried jikkuntentaha u qalilhom li missierha kellu biċċa art quddiemhom u kien ser jagħtiha din l-art biex jibnu d-dar fuqha. Hekk għamlu u Aldrin beda joħroġ il-flus. Qabbad bennej hu u beda jqabbad aktar nies tas-sengħa: tad-dawl, tal-ilma u kulma jkun hemm bżonn biex jitlesta l-post. Hija taf li l-madum kien xtrah missierha jew nannitha pero' Aldrin ħallas tat-tqegħid. Kien jgħid li qed iħallas kollox hu. Taf ukoll li kien jgħid li sejjer il-post jaħdem u kien jiġi d-dar b'ħafna trab fuqu. Hija kienet tieħu ħsieb l-irċevuti li kien iħallas u kienet iżżommhomlu hi. Aldrin kien jgħid li l-flus ta' dawn l-irċevuti kien iħallashom kollha hu u Valerie ma kienet toħroġ xejn. Ix-xhud qalet ukoll li hija kienet iżżommlu wkoll il-flus u ta' sikwit kien jieħu minnhom biex iħallas ix-xogħolijiet li kienu jsiru. Imbagħad kien iġib l-irċevuti u terfagħhomlu hi.  Meta l-attur u martu sseparaw, huwa qalilhom li kemm Valerie u kemm missierha ma ridux jagħtuh il-flus li ħareġ lura u għadu jgħid li sa issa għadu ma ħa xejn.

4. Xehed **Adrian Vella Petroni** prodott mill-attur[10] li kkonferma li l-irċevuti esibiti in atti a fol 19 u 20 nħarġu mid-ditta li minnha jifforma parti (Hal Mann Ltd). Dan kien fir-rigward ta' sular taraġ tal-irħam u l-prezz kien jinkludi t-tqegħid, ix-xogħol u l-materjal. Il-kont tħallas kollu. Hu ma kienx jaf minn fejn ġejjin il-flus.

5. Xehed **Anthony Busuttil** prodott mill-attur[11] li qal li xogħolu huwa li jqiegħed il-madum. Huwa għaraf lill-attur u ftakar li kien għamillu xogħol ta' tqegħid ta' madum ġo dar pero' ma ftakarx fejn. Qal li kien tħallas ta' xogħolu pero' ma ftakarx min ħallsu.

6. Xehed **Mario Camilleri** prodott mill-attur[12] li qal li huwa bennej u kkonferma li l-attur kien inkarigah biex jgħamillu xogħol ta' bini minn fuq il-*basement* sal-*washroom.* L-indirizz preċiż u t-triq ma ftakarhomx pero' jaf li l-post kien iż-Żurrie q. Huw qal li kkorda kollox mal-attur biss u kkonferma li l-irċevuti esibiti a fol 5 sa 10 ħariġhom hu u tħallas mill-attur.

7. Xehed **Anthony Briffa** prodott mill-attur[13] u li huwa direttur tal-Bath Line Company Ltd. Huwa kkonferma li t-tlett dokumenti a fol 11, 16 u 17 inħarġu

[10] Fol 61
[11] Fol 62
[12] Fol 64
[13] Fol 71

mis-soċjeta' tiegħu. Id-dokument a fol 11 huwa stima filwaqt li d-dokumenti a fol 16 u 17 huma riċevuti u skont ma jingħad fuqhom l-attur kien għamel l-pagament.

8. Xehdet **Valerie Muscat bint il-konvenuti**[14]li qalet li kienet ilha taf lill-attur mis-sena 1990 u xi sena wara bdew joħorġu flimkien u damu sitt snin għarajjes. Iżżewġu fit-2 t'Awissu 1997. Meta bdew jippreparaw għaż-żwieġ l-attur kien staqsiha fejn ser imorru jgħixu u hi kienet qaltlu li missierha kellu biċċa art quddiem id-dar tagħhom stess u lilu kienet għoġbitu l-idea. Meta hija qalet b'dan lil missierha huwa wieġeb li hu kien lest jaqsam l-art bejnha u bejn ħuha iżda meta qalet b'dan lill-attur huwa qal li la ried nies taħtu u lanqas fuqu. Il-ġenituri tagħha ma ħadux gost meta saru jafu b'dan iżda ftit jiem wara missierha qalilha li kellu jmur għand perit biex jagħmillu pjanta ta' dar waħda biss. Minħabba li l-attur ma kienx ried li din il-proprjeta' tinqasam missierha kellu jixtri post biex ħuha jkun jista' jmur joqgħod fih u dan kien jiswa Lm25,000 (€58,234). Tlett ġimgħat qabel iż-żwieġ ix-xhud saret taf li l-attur kien ser jitlef l-impjieg peress li missieru, li miegħu kien jaħdem, kien ser jispiċċa bil-pensjoni u ddecieda li jbiegħ in-negozju. Għall-preparamenti tat-tieġ kienu ħallsu kollox il-ġenituri tagħha ħlief għal xi minerali li missier l-attur kien tahom peress li kine f'dan in-negozju sa ftit ġimgħat qabel it-tieġ.

Ix-xhud kompliet tgħid li meta kien qed isir ix-xogħol fuq id-dar qabel iż-żwieġ, missierha kien jieħu ħsieb kollox hu u anke ħuha kien imur jittawwal kuljum. Meta kien ikollhom bżonn iġorru xi ramel jew jagħmlu xi xogħol ieħor ħuha kien jgħin lil missierha jew missierha kien ġieli jqabbad lill-lavrant li huwa kellu jgħinu fix-xogħol tiegħu. Anke l-bir kienu ħaffruh missierha, ħuha u dan il-lavrant. Aldrin bilkemm kien ikollu ċans jersaq id-dar ħlief biex jiekol. Matul il-ġimgħa kien ikollu t-taħriġ mill-4.00pm sat-8pm u s-Sibt u l-Ħadd kien ikollu l-logħob. Huwa kien jitlef it-taħriġ biss biex imur għall-kaċċa jew biex jilgħab xi logħba boċċi. Lanqas kien ifalli t-taħriġ biex imur magħha għand il-professur waqt it-tqala tagħha b'binthom aħseb u ara biex jaħdem fil-post. Meta kienu jkunu fil-kumpanija ta' xi ħbieb u kienu jkunu qegħdin jitkellmu fuq il-post mhux l-ewwel darba li hija qalet li l-post kien ta' missierha u mhux tagħhom u dan kienet tgħidu quddiem l-istess attur. Aldrin dejjem kien jaf li dan il-post la huwa tiegħu u lanqas tagħha.

[14] Affidavit a fol 76 et seq

Mill-flus li kienu qalgħu fit-tieġ, b'dak li qalgħet minn naħa tagħha kienet ħallset parti mill-irħam tat-taraġ u l-kmamar tal-banju u t-twaħħil tal-madum (Dok 17 fol 129) u kien fadal Lm3,000 (€6988) b'kollox li Aldrin talabhomlha għax qalilha li kien ser jinvestihom ma' Calamatta Stock Brokers.

Wara li żżewġu kienu marru jgħixu għal xi ġimgħatejn ġewwa post ta' villeġġjatura li għandhom il-familja tal-attur f'Wied iż-Żurrieq iżda telqu għax skont ix-xhud il-familjari tal-attur ma kinux kuntenti li huma kienu qed jgħixu fil-post tagħhom. Imbagħad marru jgħixu mal-ġenituri tagħha l-konvenuti u damu hemm madwar sentejn u nofs. F'dan il-perjodu l-attur qatt ma taha flus għall-ħajja u għall-ikel kienu jaħsbu l-ġenituri tagħha. Ommha kienet taħsillu l-ħwejjeġ l-istess kif kienet tagħmel tagħha u ta' binthom. Ix-xhud kienet taħdem anke waqt it-tqala u waqfet biss bil-*leave* tal-maternita'. L-attur għamel xi sentejn u nofs ma jaħdimx (Dok 14A u 14B a fol 124 et seq) u darba kien qalilha jekk riditx li jisseparaw bil-miktub biex ikun jista' jieħu r-relief għax qal li n-nies hekk jagħmlu, iżda hija m'aċċettatx.

Meta telqu mingħand il-ġenituri tagħha u marru joqogħdu fil-fond mertu tal-proċeduri odjerni l-attur xorta ma bediex jagħtiha flus u hi kienet issajjar u taħseb għal kollox waħedha. Id-dar xejn ma kellhom lanqas kċina u missierha kien għamlilhom bank bil-purtiera u kienu jinqdew hekk. Kull ma kellhom id-dar kien sufan li hi xtrat bid-dejn u mejda. Biex xtraw il-kamra tas-sodda tagħhom Aldrin kien qalilha biex iwaqqfu l-*insurance* li kienu għamlu xi erba' snin qabel sabiex jieħdu l-flus lura u bihom jixtru l-kamra tas-sodda. Biex xtraw il-kamra tas-sodda tat-tifla l-attur kien qalilha biex jisselfu mill-bank ħalli jixtri karozza u jitlobhom Lm800 (€1863) aktar u bihom jixtru kamra tas-sodda lit-tifla.

Meta x-xhud kienet titolbu xi flus għall-ħajja l-attur kien dejjem jgħidilha li hu ma jaħdimx u li hi taħdem iżda anke meta kien jaħdem xorta baqa' ma jagħtiha xejn u kien jgħidilha li għax hi taħdem m'għandhiex bżonn flus. Flus għall-kapriċċi tiegħu kien ikollu pero' u anke meta t-tifla telgħet bil-polza għal skola tal-Knisja kellha tħallas hi għax hu ma riedx iħallas[15] u kien jgħinha missierha l-konvenut fil-ħlas tad-donazzjoni tal-iskola u t-trasport.

Meta kien jinqala xi ħaġa fid-dar qatt ma kien jagħmel xejn u meta kienet tistaqsih kien jgħidilha li hemmhekk ta' missierha u għandha tmur tistaqsi lilu.

[15] Dok 16A a fol 127

Anke meta kien ikun imiss xi *maintenance* lit-twieqi kien ikollha tieħu ħsieb u tagħmel kollox hi.

Meta ma baqgħux flimkien hija kienet marret għand ommha bit-tifla u d-dar kienet tmur filgħodu biss. Kuljum kienet issib xi ħaġa nieqsa – daqqa t-televixin oħra d-dvd, l-*playstation* tat-tifla, lożor, xugamani, kaxxa b'riċevuti u karti. Wara li għamlet xi 6 xhur tgħix għand ommha hija ddeċidiet li tmur lura d-dar bit-tifla għax l-attur ma kienx qed jorqod id-dar. Huwa anke għamel sentejn u nofs ma jagħtihix manteniment għat-tifla.

Meta nfetħet il-kawża ta' separazzjoni u rċeviet l-irċevuti tal-flus li kien qed jitlob ix-xhud tgħid li ħafna minnhom kienu foloz. Eż riċevuta minnhom turi xogħol li sar minn Richard Micallef u tammonta għal Lm4800 (€11,180) u żied jgħid ukoll li sar xi xogħol ta' drenaġġ minn dan Richard Micallef. Dan iżda kien tħallas minn missierha s-somma ta' Lm1347.20 (€3138.13). Din l-irċevuta li ppreżenta Aldrin fil-kawża ta' separazzjoni (dok 12[16]) kellha data isfel 2005 u meta reġa preżentaha fil-kawża din id-data sparixxiet (dok 13[17]).

Ix-xhud qalet li qatt ma semgħet lill-attur jitlob flus lill-missierha fuq il-proprjeta' ħlief meta missierha rċieva ittra għal ħabta ta' Ġunju 2009. Għal ħabta ta' Marzu 2014 hi kellha bżonn tmur għand l-avukat u dan taha karta (Dok 9[18]) biex tgħaddiha lil missierha u fiha kien hemm imniżżel lista ta' oġġetti li l-attur qed jitlob flus għalihom. Hija qalet li ħafna minn dawn l-oġġetti kien ħallashom missierha jew inkella saru volontarjament, apparti li dawn diġa tħallsu fil-kawża ta' separazzjoni u kull ma fadal tagħtih huma ftit flus u ta' dan talbitu verbalment biex jiltaqgħu u jiftehmu u anke talbitu b'ittra (Dok 11[19]) iżda dan qatt ma seħħ għal raġuni jew oħra.

Ix-xhud elenkat ix-xogħol li tiegħu l-attur qed jitlob il-ħlas għalih kif indikat fl-ittra uffiċjali (Dok 8[20]) u fir-rikors ġuramentat odjern u li diġa tħallas tagħhom. Għalkemm dawn tħallsu minn missierha, peress li kienu saru wara ż-żwieġ hija kellha tħallas tagħhom fil-kawża tas-separazzjoni fil-prim istanza (Dok 10[21]). Hija semmiet ħlas għal taraġ tal-irħam, aluminium, taraġ tal-ħadid u tlett bibien,

---

[16] Fol 122
[17] Fol 123
[18] Fol 101
[19] Fol 121
[20] Fol 99
[21] Fol 103 et seq

membrane tal-bejt, stained glass, ħorża tal-bir, fire place, gypsum tal-kamra tat-tifla u kisi tal-appoġġ.

In **kontro-eżami**[22] hija qalet li d-dar mertu tal-proċeduri odjerni bdiet tinbena fl-1994 u sal-1998 ma kinitx għadha lesta. Hija qalet li missierha għamel il-biċċa l-kbira tal-affarjiet huwa u skont hi l-bini ħallsu missierha. Mistoqsija dwar l-irċevuti preżentati mill-attur in atti dwar il-binja hija qalet li ma tafx minn fejn ġabhom. Fuq affarijiet oħra bħat-taraġ, kmamar tal-banju u elettriku qalet li l-elettriku kien għamlu r-raġel t'oħt l-attur b'xejn billi għadda biss il-wires u ħafna mill-affarijiet xtrahom missierha. Hija qalet ukoll li lill-attur ma ħallsitux tax-xogħol li kien għamel huwa. Hija kkonfermat li llum hija tgħix fid-dar u li missierha ma qalibhiex fuqha.

In **ri-eżami**[23] hija reġgħet qalet li l-irċevuta ta' Lm4,800 ta' Richard Micallef kien ħallasha missierha. Qalet ukoll li qatt ma kien sar ftehim li jekk iż-żwieġ jitkisser xi ħadd irid iħallas lil xi ħadd. L-ewwel darba li missierha rċieva att mill-Qorti wara li nfirdu biex iħallsu l-flus kien fl-2009.

In **kontro-eżami ulterjuri**[24] hija qablet li fil-kawża ta' separazzjoni l-ewwel Qorti kienet ordnat il-ħlas tas-somma ta' €49,000 bħala sehem l-attur mix-xogħlijiet parafernali li kien għamel fil-binja iżda din il-parti tas-sentenza ġiet revokata fl-appell.

9. Xehdet il-konvenuta **Bridget Sacco**[25] li qalet fost oħrajn li hi kienet ilha taf lill-attur mill-1991 meta bintha ntroduċietu magħhom bħala l-għarus tagħha. Hi kienet iġġibu spiss id-dar u ġieli anke raqad għandhom . Kien jiekol magħhom u jqisuh bħala wieħed minn tal-familja. L-uniku nkwiet li taf li kellhom qabel iż-żwieġ kien dwar fejn ser imorru joqogħdu. L-attur kien talab lil binthom Valerie biex titlob lil missierha jagħtiha biċċa art li għandhom quddiem id-dar tagħhom stess u li kienu xtraw fl-1986. Missierha kien qalilha li hu art waħda kellu u riedu li jibnuha u jaqsmuha fi tnejn ħalli jkollu fejn joqgħod it-tifel l-ieħor tagħhom iżda l-attur ma aċċettax. Il-konvenuti kienu għalhekk issuġġerew biex l-attur jitlob lil missieru jtih biċċa art li għandu fil-Qrendi iżda huwa qal lil binthom li hemm kien hemm garaxx mibni u taraġ wieqaf u ma aċċettax. Wara

[22] Fol 176 et seq
[23] Fol 180 et seq
[24] Fol 182
[25] Affidavit a fol 81 et seq

li x-xhud u żewġha tkellmu bejniethom iddeċidew li jġibu l-permessi biex jibnu dar waħda.

Meta beda x-xogħol fuq il-post fl-1994 żewġha l-konvenut kien jieħu ħsieb kollox hu u ġieli anke kien jinqala minn fuq ix-xogħol tiegħu meta kien jinqala xi ħaġa eż jkun ġej il-perit jew xi ħaddiema. Meta huwa ma kienx ikun jista' kienet tmur hi jew binhom. L-attur ma kienx ikollu ċans għax kien jilgħab il-futbol u dejjem kien ikun għat-taħriġ.

Il-konvenuta qalet li l-attur qatt ma talabhom flus għax-xogħol li qed jgħid li għamel ħlief meta rċevew l-ittra uffiċjali fis-17 ta' Ġunju 2009 (Dok 8). Meta bintha u l-attur iffissaw id-data tat-tieġ il-konvenuti ħadu ħsieb kollox huma u ċioe l-ikel, l-ilbiesi, l-karozzi u t-tieġ komplut[26] għajr għal xi luminata li l-attur ġab peress li missieru sa ftit żmien qabel kien f'dan ix-xogħol.

Wara li żżewġu għamlu żmien qasir jgħixu f'post ta' villeġġjatura tal-familja tal-attur u wara marru jgħixu għandhom għal circa sentejn u nofs. Meta kienu joqogħdu hemm huma dejjem kielu għandhom ećċ u qatt ma ħallsu flus għall-ħajja.

Ix-xhud qalet ukoll li huma qatt ma tkellmu fuq il-proprjeta' la ma' binthom Valerie u lanqas mal-attur. Hi u żewġha ma tantx kellhom impressjoni tajba fuq l-attur peress li fil-fehma tagħhom huwa la kien jagħti każ ta' bintu u lanqas ta' martu u la kien ikun irid iħallas għall-iskola tat-tifla u lanqas jgħin lil martu għall-ħajja. Kien il-konvenut li kien jgħin fl-ispejjeż tal-iskola tat-tifla minuri u għadu jgħin sal-lum.

10. Xehed **il-konvenut Charles Sacco**[27] li kkonferma diversi affarijiet li qalet martu dwar il-perjodu tal-għerusija ta' bintu mal-attur. Qal ukoll li meta hu u martu qablu li jibnu dar waħda biss fuq l-art tagħhom biex fiha jmorru jgħixu binthom Valerie u l-attur huwa kien qabbad lill-perit Karmenu Vella biex ikun jista jagħmel pjanta tad-dar u japplika għall-permess. Il-permess għat-twaqqiegħ tal-garaxx li kien hemm mibni fuq l-art u għall-bini ta' basement u dar fuqha ħareġ fl-20 ta' Mejju 1994 (Dok 2[28]). Il-konvenut kien qabbad lil wieħed jismu Horace Mizzi biex iwaqqagħlu l-garaxx u lil ċertu Michael Farrugia biex ikun jista' jibnilu l-pedament u l-garaxx. Huwa ordna l-planki mingħand Corefloor

[26] Dok 18A-I a fol 130 et seq
[27] Affidavit a fol 83 et seq
[28] Fol 88 et seq

Ltd (Dok 3A, B, C[29]). Minħabba xi alterazzjonijiet fil-fond li xtaqet bint il-konvenut huwa kellu jitlob modifika tal-permess sakemm ħareġ il-permess il-bennej li bnielu l-garaxx ma setax ikompli bil-bini tad-dar għax daħallu xogħol ieħor. Għalhekk tqabbad wieħed jismu Joseph Cini. Ix-xogħol tal-bini beda f'Ottubru 1994 u tlesta f'Awissu 1996. Il-konvenut kien jagħti l-flus lil Cini. Huwa ġieli anke ta l-flus lill-attur biex iħallsu hu. Mario Camilleri li kien wieħed mix-xhieda li ġab l-attur fil-kawża kien ġieli jiġi jgħin lil Cini (li jiġi ħatnu) biex iqandel xi ġebel jew blajjet kbar iżda ma kienx hu l-bennej.

Għat-tikħil u t-tibjid il-konvenut kien qabbad lill-kumpanija ta' wieħed jismu Richard Micallef (illum mejjet) li kien ilu jafu żmien peress li kien ħabib tal-familja u l-konvenut u ħuh kienu għamlulu xi xogħol tal-injam. Dan kien tħallas mill-konvenut is-somma ta' Lm1347.20 (€3138.13) – Dok 4[30]. Il-katusi tad-drenaġġ kien għaddihom hu u ħatnu llum mejjet. Għall-plumbing kien qabbad lil ċertu wieħed Anthony Ellul u kien għamel ix-xogħol ta' plumbing kollu hu u tħallas mill-konvenut. Għax-xogħol tal-elettriku kien offra li jagħmlu bla ħlas ir-raġel t'oħt l-attur, illum mejjet, u l-konvenut kien qattgħalu t-trinek u għadda l-pajpijiet u hu kemm għadda l-*wires*. Il-materjal kien xtraħ il-konvenut (Dok 5A u 5B[31]). Il-madum kienet xtratu t-tifla bl-għajnuna ta' ħatnu (Dok 6A u 6B[32]). Għat-twaħħil tal-madum kien qabbad lil ċertu wieħed Alfred Busuttil u dan kien tħallas b'parti mill-flus li qalgħu fit-tieġ (Dok 17[33]). Il-kumplament tat-taraġ tal-irħam kien tħallas ukoll bil-flus li kienu qalgħu fit-tieġ. Bħala bibien u twieqi għamel 4 bibien tal-injam u 4 twieqi tal-injam peress li hu jaħdem ta' mastrudaxxa. Il-qatran ġie jiswa Lm210.29 (€489.84) – Dok 7[34]. Il-konvenut kompla jgħid li fil-kawża li Aldrin kellu ma' binthom u kif ukoll fl-ewwel ittra uffiċjali li bagħat lill-konvenuti fis-17 ta' Ġunju 2009 l-ammont ta' *membrane* kien biss ta' Lm350 (€815.28) u issa fir-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna l-ammont inbidel għal Lm800 (€1863) meta dan tħallas mill-konvenut. Il-konvenut jgħid ukoll li ż-żewġt itwieqi tal-i*stained glass* li jissemmew fl-ittra uffiċjali li kien bgħatilhom l-attur kien l-istess konvenut li ħallas għalihom is-somma ta' Lm400 (€931.75) u fir-rikors ġuramentat odjern l-attur bidel din is-somma u saret Lm600 (€1397.62). Inoltre l-konvenut isostni li l-*frame* tal-injam ta' dawn it-twieqi għamilhom hu. Oltre dan huwa qal li ħafna affarijiet oħra li l-

---

[29] Fol 90 et seq
[30] Fol 93
[31] Fol 94, 95
[32] Fol 96, 97
[33] Fol 129
[34] Fol 98

attur qed jitlob il-flus għalihom fil-kawża odjerna diġa tħallsu mit-tifla tiegħu fil-kawża ta' separazzjoni[35]. Huwa semma ħlas għal taraġ tal-irħam, *aluminium*, taraġ tal-ħadid u tlett bibien, *membrane* tal-bejt, *stained glass*, ħorża tal-bir, *fire place*, *gypsum* tal-kamra tat-tifla u kisi tal-appoġġ.

Il-konvenut żied jgħid li għat-tieġ ħadu ħsieb kollox huma ħlief għal xi *soft drinks* li l-attur ġab peress li missieru sa ftit żmien qabel kien f'dan ix-xogħol. Wara ż-żwieġ il-koppja għamlu żmien qasir jgħixu f'post ta' villeġġjatura tal-familja tal-attur u wara marru jgħixu għandhom għal circa sentejn u nofs. Meta kienu joqogħdu hemm huma dejjem kielu għandhom u qatt ma ħallsu flus għall-ħajja. Kienu anke jaħslulhom il-ħwejjeġ. Anke meta binthom minuri bdiet tmur l-iskola kien il-konvenut li jħallas il-miżata tal-iskola, l-uniformi u t-trasport.

Il-konvenut insista wkoll li huwa qatt ma qal lill-attur li kien ser jaqleb il-proprjeta' fuqu jew fuq bintu. Fuq dan qatt ma tkellmu u l-attur qatt ma staqsih. L-ewwel darba li huwa rċieva ittra uffiċjali biex jitlob xi flus kien fis-17 ta' Ġunju 2009.

In **kontro-eżami**[36] l-konvenut qal li d-dar inbniet minnu u l-bennej kien Joseph Cini filwaqt li l-basement inbena minn Michael Farrugia mqabbad minnu. B'referenza għal dak li kien ingħad fil-kawża ta' separazzjoni huwa ma ċaħadx li l-attur għamel xi affarijiet hu. Li jaf hu li ġieli ta flus lil bintu biex tħallas lill-bennej għalkemm ma żammx notament ta' kemm taha. Ġieli taha flus kontanti u ġieli ċekk. Mistoqsi mill-Qorti jekk għandux idea tal-ammont ta' flus li ta lil bintu biex tħallas lill-bennej huwa qal li ma jafx. Il-konvenut qal ukoll li l-attur kien ikun spiss għandhom u huma dejjem tawh jiekol – dan huwa wkoll tip ta' ħlas għal dak li qed jippretendi l-attur illum fil-kawża. Qal iżda li b'daqshekk ma jfissirx li l-attur tħallas dak kollu li seta' nefaq pero' huwa ġieli lanqas kien jersaq lejn il-post biex jara x'inhu għaddej. Huwa ma ftakarx jekk qattx kien wiegħed lill-bintu Valerie li ser jaqleb id-dar fuqhom. Imma ftakar li kienu tawh parir li jekk jiġi biex jaqleb id-dar fuqhom kien ser jeħel it-taxxa u pprefera li l-proprjeta' tibqa' fuqu u l-flus teħodhom it-tifla.

In **ri-eżami**[37] l-konvenut qal li hu qatt ma għamel ftehim mal-attur li jekk jispiċċa ż-żwieġ ma' bintu huwa kien ser iħallsu xi flus. Qabel ma nbdiet il-kawża ittra waħda biss irċevew mingħand l-attur. L-attur qatt ma ddiskuta

[35] Sentenzi tal-prim istanza u tal-appell a fol 103 et seq
[36] Fol 160 et seq
[37] Fol 162

miegħu l-ispejjeż li kien qed jagħmel fid-dar. Mistoqsi mill-Qorti jekk meta nqala l-inkwiet fiż-żwieġ l-attur qattx kien mar ikellmu biex jgħidlu li jippretendi l-ispejjeż li kien għamel fid-dar, il-konvenut wieġeb fin-negattiv. Qal ukoll li meta bintu żżewġet lill-attur id-dar kienet għadha ġebel u saqaf. Sa dakinhar tat-tieġ il-madum kien għadu ma tlestiex. Id-dawl u l-ilma kien għadu għaddej ix-xogħol fuqu. Kontra-bejt kien għadu ma sarx u la tibjid u lanqas il-kmamar tal-banju għax kollox beda jsir bil-mod. Il-konvenut qal ukoll li fir-rigward tal-materjal li għamel huwa, ma talabx flus lill-attur.

11. Sar **rapport mill-perit espert tal-Qorti Nicholas Mallia**[38] li ġie nkarigat biex jaċċedi fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri u jagħti stima tax-xogħlijiet elenkati fl-atti a fol 69[39] li tħallsu mill-attur. Il-perit iddeskriva l-fond bħala *terraced house* li tikkonsisti f'garaxx *semi-basement* tul il-plot kollu, *elevated ground floor* u bitħa fuq wara, *first floor* u terrazin fuq wara, *washroom* u bjut. L-aċċess fil-fond sar fit-23 ta' Novembru 2015 u l-partijiet qablu li x-xogħlijiet elenkati fid-dokument a fol 69 tħallsu mill-attur fis-sena 1998 jew 1999. Il-perit elenka dawn ix-xogħlijiet u attribwixxa stima li tirrifletti l-prezz tas-suq tas-sena 2015, liema stima fit-total tagħha ammontat għal erbgħa u tletin elf ħames mija u ħamsin Ewro (€34,550). Il-perit iddikjara wkoll li stima għall-istess xogħolijiet b'sena stima 1998-1999 u b'applikazzjoni tal-indiċi tal-inflazzjoni għal kull sena wara l-1999 sal-2015, kif indikat fil-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta twassal għall-valutazzjoni tax-xogħlijiet ta' erbgħa u għoxrin elf tlett mija u tmienja u erbgħin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€24, 348.72).

Il-Qorti rat ukoll l-iskambju li sar mill-partijiet in segwitu għal dan ir-rapport dwar it-talba tal-konvenut għall-estensjoni tal-inkarigu tal-perit espert[40].

## B. EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

Qabel kull kunsiderazzjoni oħra l-ewwel sejra tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li tgħid hekk –

*"Illi bħala eċċezzjoni preliminari l-fatt li l-azzjoni tal-attur rikorrenti hija llum preskritta bi preskrizzjoni ta' sentejn u għalhekk il-kawża ma tista' qatt tirnexxi."*

[38] Fol 185 et seq
[39] Digriet tal-ħatra a fol 170
[40] Fol 200 et seq

Fis-sottomissjonijiet finali tiegħu d-difensur tal-konvenuti qal li dan il-perjodu beda jiddekorri mill-bidu li ma baqgħux jgħixu flimkien fis-sena 2004 u la l-kawża nfetħet fl-2010 l-każ huwa preskritt. Qal ukoll li l-fatt li l-attur għamel pretensjoni ħażina għar-riżarċiment fil-kawża ta' separazzjoni kontra martu meta din ma kinitx sid l-art ma jfissirx li t-terminu preskrittiv jibda jiddekorri minn hemm għax it-terminu jibda għaddej minn dakinhar li setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni u mhux minn meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża ta' separazzjoni.

Minn naħa tiegħu d-difensur tal-attur argumenta li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin għax l-azzjoni odjerna hija l-*actio de in rem verso*. Dwar minn meta l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata huwa qal li jekk wieħed jistrieħ fuq id-data ta' meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża ta' separazzjoni allura żgur li l-każ mhux preskritt għax dik is-sentenza ngħatat fil-31 ta' Mejju 2013[41] u l-każ odjern ġie ntavolat qabel dik is-sentenza fit-13 ta' Lulju 2010. Lanqas ma hemm preskrizzjoni jekk il-perjodu preskrittiv jiġi meqjus li beda għaddej mid-data ta' meta l-attur telaq mid-dar f'Ottubru 2004 għax l-ittra uffiċjali ġiet preżentata f'Ġunju 2009 u l-kawża nfetħet f'Lulju 2010.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament mogħti fil-każ **Emmanuel Balzan vs Francelle Agius deċiż fit-8 ta' Jannar 2018** fejn ingħad hekk -

*"Illi kif ġie indikat mill-konvenuta fl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha, il-preskrizzjoni applikabbli fir-rigward ta' din l-azzjoni hija dik kwinkwennali u dan kif sew ġie spjegat fis-sentenza minnha ċċitata fl-ismijiet* ***Tasika Auto Limited vs. Jason Mizzi****. Sentenzi aktar riċenti jagħmlu riferiment għal din is-sentenza, fosthom* ***Anthony Pace et vs. Maria Pace*** *u* ***Mary Balzan vs. David Jaccarini****. F'din l-aħħar sentenza jingħad:*

*"(i) L-ewwel, tieni, ħames u sitt talba huma preskritti skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Għall-azzjoni de in rem verso m'hemmx provvediment ad hoc li jistabilixxi terminu preskrittiv. Il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' ħames snin kontemplata fl-imsemmi provvediment (ara sentenza ta' din il-qorti fil-kawza* ***Tasika Auto Limited vs. Jason Mizzi*** *tas-17 ta' April, 2012) ....."*

[41] Fol 113 et seq

*Illi peress li dan it-terminu hu wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, dan jista' jiġi interrot b'kull att ġudizzjarju. Is-sentenza ċċitata fl-ismijiet* **Balzan vs. Jaccarini** *tispeċifika wkoll minn meta l-ħames snin għandhom jibdew jiddekorru:*

*"Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx meta l-konvenut ġie żgumbrat mill-fond. Il-konvenut qiegħed isostni li l-arrikkiment indebitu jikkonsisti fl-ispejjeż li ntefqu sabiex saru x-xogħlijiet, tant li qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż kollha li jgħid li saru fil-fond. Mela bil-mod kif ippropona t-talba qiegħed jieħu posizzjoni fis-sens li l-arrikkiment seħħ meta sar ix-xogħol, tant li qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż kollha li jallega li saru."*

*Li kieku għas-saħħa tal-argument il-fattispeċi tal-kawża odjerna kienu identiċi għal dawk tal-kawża suċitata, il-preskrizzjoni kienet tibda tiddekorri minn meta kien sar il-ħlas tal-oġġetti jew tas-servizzi. Mill-irċevuti ppreżentati mill-attur, jirriżulta li dawn il-ħlasijiet kienu saru bejn l-2006 u Marzu tal-2010 u għalhekk it-talbiet attriċi kienu jkunu kollha preskritti stante li l-unika prova li l-Qorti għandha quddiemha ta' interruzzjoni b'att ġudizzjarju hija dik indikata mill-konvenuta stess tal-mandat kawtelatorju intavolat kontestwalment ma' din il-kawża fit-28 ta' Jannar, 2015.*

*Tqis madankollu li fil-każ odjern it-talbiet tal-attur skont is-seba' premessa tarRikors Maħluf, huma msejsa fuq il-fatt illi wara illi r-relazzjoni bejn il-partijiet spiċċat u l-attur telaq mid-dar tal-konvenuta, din naqset milli tħallsu l-ispejjeż li kien għamel. Skont l-attur l-arrikkiment indebitu seħħ meta huwa telaq mid-dar tal-konvenuta u allura ma kienx aktar f'pożizzjoni li jibqa' jgawdi mill-imsemmija benefikati. Skont l-affidavit tal-konvenuta l-attur telaq mid-dar tagħha f'Ottubru, 2013, u ċertament ma kinux laħqu għaddew ħames snin meta ġiet intavolata din il-kawża.*

*Illi f'kawża b'fattispeċi simili għal dawk tal-kawża odjerna, ġie ritenut:*

*"Illi l-azzjoni odjerna hija azzjoni de in rem verso, fejn ir-rikorrenti qed jipproċedu kontra l-intimata għall-arrikkiment indebitu sabiex jitħallsu tax-xogħlijiet u benefikati esegwiti fil-fond tal-intimata, liema xogħlijiet twettqu bl-intiża li huma kellhom jibqgħu jgħixu magħha. Iżda, stante li dan ma seħħx*

*peress li l-intimata tathom il-congedo, u kif ukoll ipproċediet kontrihom għall-iżgumbrament mill-fond, ir-rikorrenti qed jipproċedu għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż rappreżentanti arrikiment indebitu fil-fondi....omissis....."*

*Ikkunsidrat li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili). Skont din id-dispożizzjoni tal-liġi ċ-ċirkostanzi partikolari ta' persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv ta' azzjoni li tista' tieħu ma humiex ta' xkiel biex dak iż-żmien jibda jimxi. Dan ifisser li ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' azzjoni, ladarba huwa wieħed estintiv tal-istess azzjoni, jibda għaddej minn dakinhar li jitnissel il-jedd, jew l-għemil maħsub li jwaqqaf dak il-jedd. (**Baudry - Lacantinerie & Tissier** Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile (3a Ediz.), "Della Prescrizione" 364 paġ. 279).*

*Illi meta saru x-xogħlijiet mir-rikorrenti, dawn saru bl-intendiment li ser jiġu goduti minnhom, flimkien mal-intimata fl-istess fond. Iżda, meta dan ma kienx aktar il-każ, kien proprju fil-mument tal-iżgumbrament, għalhekk kien f'dak il-mument li beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. Illi s-sentenza finali ingħatat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April, 2004 filwaqt li l-każ in eżami ġie istitwit fid-19 ta' Mejju, 2005. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li għall-azzjoni odjerna, ma għaddiex iż-żmien preskrittiv."*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament stante li għal raġunijiet ovvji l-attur ma kienx ser jitlob u lanqas seta' jitlob li jiġi kkumpensat għall-arrikkiment indebitu meta hu stess kien qed igawdi l-imsemmija oġġetti u benefikati u għalhekk il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn meta l-attur ma baqax joqgħod fil-fond tal-konvenuta. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda."*

Insibu ukoll fil-pubblikazzjoni ta' **l-Imħallef Philip Sciberras**[42] illi-:

*"Illi għal dwn ir-ragunijiet il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni m'hijiex tajba u m'hijiex sejra tilqagħha; illi dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-prekrizzjoni tal-ħames snin, l-partijiet jaqblu li ż-żmien preskrittiv li jgħodd għal azzjoni bħal din huwa dak li jipprovdi l-artikolu 2165(f) tal-Kodiċi Ċivili. Kif ingħad qabel, din l-azzjoni mhux sempliċement waħda għall-ħlas ta' servizz mogħti, imma waħda ta' arrikkiment mhux mistħoqq.  F'dan ir-rigward il-bixra*

[42] **L-ALFABETT TAL-KODIĊI ĊIVILI** Volum A pagna 530.

*generali tad-deċiżjonijiet gudizzjarji u l-ħsieb tal-kittieba hija fis-sens li ż-żmien preskrittiv huwa sewwasew dak ta' ħames snin maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodii Ċivili u mhux ta' sentejn (Ara per ezempju,* ***App Ċiv 16.5.1986*** *fil-kawza fl-ismijiet* **Anthony Borg vs Peter A. Morrisey** *(mhux pubblikata)."*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet –

1. Mill-fattispecje tal-każ odjern huwa ċar li l-azzjoni hija dik *de in rem verso* fejn l-attur qiegħed ifittex lill-konvenuti għar-riżarċiment ta' allegati xogħlijiet ta' bini ta' dar u benefikati li huwa għamel fuq art proprjeta' tagħhom. Naturalment peress li dawn l-allegati xogħlijiet saru f'kuntest ta' għerusija li wasslet għaż-żwieġ bejn l-attur u bint il-konvenuti (li huma s-sidien tal-art li fuqha saru x-xogħlijiet), huwa preżunt li l-intendiment dejjem kien li dawn ix-xogħlijiet u benefikati jibqgħu jitgawdew mill-attur u martu matul ħajjithom kollha;

2. Il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux dik ta' sentejn kif indikat mill-konvenuti. Dan l-artikolu tal-liġi appena msemmi jipprovdi hekk -

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(.....)*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

3. A tenur tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata;

4. Skont il-prinċipji suċċitati stabbiliti mill-Qrati, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ odjern dan it-terminu beda jiddekorri mill-mument meta l-attur ma baqax jirrisjedi fil-fond matrimonjali ġewwa ż-Żurrieq;

5. Jirriżulta mill-provi mressqa li l-attur u martu żżewġu fit-2 t'Awissu 1997 u li għal ftit ġranet huma abitaw ġewwa fond ta' villeġġjatura f'Wied iż-Żurrieq proprjeta' tal-familja tal-attur. Minn hemm huma marru jgħixu għand il-konvenuti għal ċirka sentejn u nofs għax il-fond mertu tal-proċeduri odjerni kien għadu mhux lest. Mis-sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja tas-27 ta' Marzu 2012 esibita in atti[43] ġie konstatat li l-attur u martu –

*"....telqu jgħixu għal rashom fid-dar konjugali f'Settembru 2000. Għal ħabta ta' Ġunju 2003 beda l-inkwiet serju bejn il-partijiet, bir-riżultat li eventwalment l-attriċi, flimkien mat-tifla, kienet bdiet tmur torqod għand il-ġenituri tagħha. Eventwalment fis-17 t'Ottubru 2004, l-attriċi rritornat lura fid-dar matrimonjali, u ostakolat lill-konvenut milli jibqa' jidħol hemm, u allura kien mar jgħix band'oħra."*

6. B'hekk id-data li fiha l-attur huwa meqjus li ma baqax jgħix fil-fond matrimonjali 56, Meadowlark, Triq Demello, Żurrieq hija s-**17 t'Ottubru 2004**, u għalhekk it-terminu ta' ħames snin għall-azzjoni attrici odjerna beda jiddekorri minn dakinhar;

7. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fit-13 ta' Lulju 2010 iżda peress li t-terminu ta' preskrizzjoni in kwistjoni seta' jiġi nterrott b'att ġudizzjarju, **l-azzjoni odjerna mhijiex preskritta kontra l-konvenut Charles Sacco** peress li fid-19 ta' Ġunju 2009 u ċioe' ftit xhur qabel l-gheluq tal-ħames snin, l-attur ippreżenta ittra uffiċjali kontrih għall-ħlasijiet allegatament dovuti biex inbena l-fond imsemmi fiż-Żurrieq. Pero' in kwantu l-ittra uffiċjali msemmija ma saritx kontra l-konvenuta odjerna Bridget Sacco u ma jirriżultax li saret xi nterpellazzjoni oħra ġudizzjarja kontriha għajr l-intavolar tal-kawża fl-2010, **l-azzjoni attriċi hija deċiżament preskritta kontra l-istess konvenuta Bridget Sacco**.

**Għalhekk u safejn biss kompatibbli ma' dak appena deċiż, l-eċċezzjoni sejra tintlaqa <u>biss</u> fil-konfront tal-konvenuta Bridget Sacco u sejra tiġi miċħuda fil-konfront tal-konvenut Charles Sacco.**

## Ċ. MERTU

[43] Fol 103

Kif diġa ġie aċċennat, fil-mertu l-attur qiegħed jipproċedi bil-kawża kontra l-konvenuti għall-allegat arrikkiment indebitu sabiex jitħallas tax-xoghlijiet u benefikati li saru fil-bini tad-dar numru 56, Meadowlark, Triq Demello, Żurrieq, liema dar inbniet fuq art proprjeta' tal-istess konvenuti.

Fit-talbiet tiegħu fir-rikors promotur huwa jippretendi l-likwidazzjoni u l-ħlas tas-somma ta' wieħed u sebgħin elf u tnejn u għoxrin ewro (€71,022) kwantu għal €55,765 bħala ħlas ta' xogħolijiet u materjal li ħallas l-attur biex jinbena u jiġi attrezzat il-fond Meadow Lark, Triq De Mello, Żurrieq fuq l-art tal-konvenuti; u kwantu għal €15,257 bħala ħlas tax-xogħol li hu għamel fil-kostruzzjoni tal-istess fond.

Fil-każ **Anthony Pace et vs Maria Pace deċiż fil-25 t'April 2017** ingħad hekk dwar l-azzjoni bażata fuq l-arrikkiment indebitu -

*"Illi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti hija l-azzjoni de in rem verso.*

*Din l-azzjoni, kif kwalifikata fid-duttrina u fil-ġurisprudenza "hija rimedju sussidjarju estiż għall-każijiet meta tkun avverat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħaddieħor, u ssib il-fondament tagħha fil-prinċipju "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem" (L. 206 fr. de regulis juris)" ("**Giuseppe Calleja –vs- Walter Zammit Tabona**", Appell Kummerċjali, 5 ta' April 1957).*

*Illi din l-azzjoni, llum hija statutorjament stabbilita fl-artikolu 1028A[44] u 1028B[45] tal-Kodiċi Ċivili. Illi għalkemm fiż-żmien li nfetħet din il-kawża, ma kienx għad hemm fis-seħħ dawn id-dispożizzjonijiet tal-Liġi, li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att VIII tal-2007. Iżda, l-insenjament u l-prinċipji li jsejsu din l-azzjoni kienu ilhom stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrana.*

*Difatti, l-elementi li jsawru din l-azzjoni huma:*

*1. Il-vantaġġ jew utilita` minħabba xi ġid ta' ħaddieħor li għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih, ossija l-arrikiment inġustifikat ('l arrichimento').*

[44] **1028A** - *"(1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti ta' l-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet soffriet dik il-persuna."*
*(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura loġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba."*
[45] **1028B** – *"L-actio de in rem verso ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu."*

*2. In-ness ta' kawżalita bejn il-ħidma ta' parti u l-vantaġġ/jew arrekkiment tal-parti l-oħra jirċievi l-ħaġa.*

*3. Min ikun irċieva l-ħidma tal-atturi, ikun arrikixxa ruħu b'dak li għadda għandu u fil-patrimonju tiegħu, u dan mingħajr ebda titolu. Dan huwa element li l-ġurista Baudry Lacantinerie "Delle Obligazioni", Vol. IV pag.550, jiddiskrivi bħala "il carattere ingiusto dell'arricchimento". (Ara* ***Said vs Testaferrata Bonnici*** *P.A. – 16 ta' Gunju 1936,* ***George Sladden vs Albert Mais et****, P.A. (TM) – 27 ta' Jannar 2005),* ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Victor Balzan et*** *(App. Inf. (PS) – 23 ta' Ġunju 2004). Illi l-prinċipji li jirregolaw din l-azzjoni ġew enunċjati wkoll fil-każ* ***Rocco Bugeja vs George Micallef*** *P.A. (Imh. W. Harding) (Vol. XXXIV.i.784), fejn saret referenza għal insenjament tal-ġuristi Aubry u Rau u ntqal:*

*"l actio de in rem verso e` un mezzo speciale, particolare, sussidiario, che si accorda in mancanza di altra tutela, quando al danneggiato non compete altro rimedio dipendente dal contratto o quasi contratto o quasi contratto."*

*Illi isegwi u dan huwa assodat fil-ġurisprudenza nostrali li mhux leċitu li wieħed jagħmel profitt a skapitu ta' ħaddieħor. Konċettwalment, il-profitt huwa dak li għandu dritt għalih il-persuna li tkun għamlet din it-tip ta' kawża u f'dan il-kuntest il-persuna li tkun inkorriet tali ndebitu hija ntitolata li tirċievi kumpens ġust, li għandu allura jkun simili jew jekwivali għall-valur tal-benefikati jew miljoramenti li saru. Fil-fatt fil-kawża "****Emanuel Bartolo vs Victor Micallef****" (P.A. - 28 ta' Ottubru, 2004) ingħad li:-*

*"Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mit-terz, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-gherq tagħha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata".*

*Illi huwa assodat ukoll li din l-azzjoni hija waħda ekwitattiva. Difatti, l-prinċipju li huwa l-pern ta' din l-azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistagħna a dannu ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura) (Ara* ***Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi et****, P.A. (JRM) - 17 ta' April 2012. Għaldaqstant, l-għan ta' din l-azzjoni hi li trodd lura l-bilanċ bejn dak li*

*għamel spejjeż u l-parti l-oħra li tkun arrikkiet ruħha u gawdiet b'konsegwenza ta' dan.*

*Illi ġie ribadit li din l-azzjoni għandha l-qofol tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt. Fil-fatt, din l-azzjoni hija konċessa meta mhix esperibbli l-azzjoni ex contractu. (Ara* ***Grima vs Fava et*** *P.A. – 14 ta' Diċembru 1966 (Kollez.Vol. L.ii.487); Difatti din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju estiża għal meta jsir l-arrikiment indebitu a dannu ta' ħaddieħor, in forza tal-prinċipju jure naturae aequum est neminem cum alterius detriment et injuria fieri locupletiorum. (Ara* ***Vincent Parnis vs Av. Dr. Giuseppe Vella*** *(1955) Vol. XXXIX.II.764;* ***Josephine Gusman vs Anthony Agius et*** *P.A. (NC) – 21 ta' Jannar 2004) u* ***Louis Vella vs Alfred Borg et*** *P.A. (G.V. – 16 ta' April 2004); u ġie ribadit ukoll li ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min arrikixxa ruħu bi i ra tiegħu, jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm ebda azzjoni li setgħet issir. (Ara* ***Zammit vs Farrugia et*** *P.A. – 10 ta' Diċembru 1955 (Kollez.Vol. XXXIX.ii.787);* ***Harry Saliba vs Denise Caruana*** *P.A. (JRM) – 6 ta' April 2006."*

Ingħad ukoll fil-ktieb ta' l-**Imħallef Sciberras**[46] ġia riferut *"id-duttrina u l-ġurisprudenza jikaratterizzaw l-azzjoni bħala waħda sussidjarja. Li jfisser konċettwalment li hu rimedju estrem li jista jiġi invokat meta l-qagħda, li tkun ħolqot l-iskwilibriju bejn il-partijiet, ma tkunx tista tiġi regolata b'xi mezz ieħor rikonoxxut mill-ligi. Din l-interpretazzjoni restrittiva tinżel propju mill-artikolu 1028B Kodiċi Civili b'tali mod li s-sussidjarjeta' hi strument ta' kontroll għat-twessigħ tal-kamp operrattiv ta' l-azzjoni. Jekk allura tezisti azzjoni oħra esperibbli marbuta ma kuntratt jew mal-wegħda tiegħu permezz ta' konvenju s-ssussidjarjeta' ma tqumx għaliex l-attur ikollu jipproċedi kontra l-arrikkkit in bażi għal dak il-kuntratt jew tal-promessa tiegħu. Ara fost l-oħrajn fuq it-tema ta' dan il-prinċipju s-sentenzi fl-ismijiet* ***"Rokku Bugeja vs George Micallef Qorti tal-Kummerċ, 16 ta' Marzu, 1950 u Joseph Cachia vs Yellow Fun Limited- Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2005.***

Wara li eżaminat l-atti u l-provi kollha mressqa l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet –

[46] Paġna 529

1. L-art li fuqha nbena l-fond imsemmi inxtrat mill-konvenut Charles Sacco fit-18 ta' Marzu 1986 kif jirriżulta mill-kuntratt li sar quddiem in-nutar Joseph Raphael Darmanin[47];

2. Wara li kien hemm qbil bejn il-konvenuti, l-attur u bint il-konvenuti Valerie li fuq din l-art ser tinbena d-dar li kellha sservi tal-fond matrimonjali tal-attur u martu Valerie, twaqqa l-garaxx li kien hemm mibni fuq l-art, sar it-tħammil u nbniet it-*terraced house* in kwistjoni li tikkonsisti f'garaxx *semi basement*, *elevated ground floor* u bitħa, first floor u terrazin, *washroom* u bjut;

3. B'referenza għat-<u>tieni eċċezzjoni tal-konvenuti</u> li tgħid hekk –

*"...l-eċċipjenti qatt ma għamel ebda ftehim mar-rikorrenti sabiex isiru benefikati sabiex eventwalment, l-istess eċċipjenti iħallas għal tali benefikati kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti Muscat"*

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-fond mertu tal-proċeduri odjerni jinsab quddiem id-dar tal-konvenuti u kif xehed il-konvenut stess huwa mhux biss kien ikun regolarment preżenti fuq is-sit fil-kors ta' diversi xogħlijiet li saru talli huwa stess kien għamel xi xogħliijiet u ħallas għal oħrajn. B'hekk huwa meqjus li huwa kien ben konsapevoli tax-xogħlijiet u l-benefikati li kienu saru fid-dar mibnija fuq is-sit u aċċettahom. Inoltre għalkemm mill-atti ma rriżultax li kien sar xi ftehim formali bejn il-partijiet dwar ħlas għall-benefikati li saru mill-attur dan ma jwassalx għall-akkoljiment ta' din l-eccezzjoni għax il-bażi tal-azzjoni mhijiex allegat ksur ta' ftehim *(ex contractu)* izda allegat arrikkiment indebitu a skans ta'ħaddieħor. **Isegwi li <u>t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti sejra tigi miċħuda</u>**.

4. L-attur jgħid li filwaqt li t-twaqqiegħ tal-garaxx, it-tħammil u l-*basement* sal-livell tal-planki sar a spejjeż tal-konvenut Charles Sacco, mill-planki 'l fuq bnieh minn flusu. Minn naħa l-oħra l-konvenut jikkontesta ħafna mill-ispejjeż li qed jagħmel talba dwarhom l-attur għax skont hu, kien l-istess konvenut li ħallas għalihom u mhux l-attur. Hemm għalhekk kunflitt bejn il-verżjonijiet tal-partijiet fir-rigward ta' dawn l-istess spejjeż.

Kif inhu pero' risaput fil-ġurisprudenza, dan il-kunflitt ta' provi m'għandux ikun ta' ostaklu *per se* biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha. Ingħad hekk fil-

[47] Fol 87 et seq

każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta` Diċembru 2015**[48]-

"**_Konflitt tal-verżjonijiet_**

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "****Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma****", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll: "****Bugeja vs Meilak****" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "****Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa****" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "****Farrugia vs Farrugia****" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

5. Minn naħa tiegħu l-attur jgħid dwar l-ispejjeż pretiżi minnu li uħud għad għandu riċevuta tagħhom filwaqt li oħrajn le;

6. Dwar il-ħlasijiet mitluba mill-attur u li tagħhom produċa riċevuti l-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

[48] Rik Gru Nru 1170/86

a. **Bini tad-dar – €22, 676.45** (Lm9735) skont riċevuti maħruġa mill-bennej Mario Camilleri minn Dok B sa Dok G a fol 5 sa fol 10. L-irċevuti huma datati fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1995 u s-17 t'Awissu 1996.

Kif irriżulta mill-provi suċċitati l-konvenut jiċħad li l-bennej kien Mario Camilleri u jgħid li kien ċertu Joseph Cini (ħaten Mario Camilleri) li bena d-dar. Skont il-konvenut Camilleri ġieli ġie biss biex jgħin lil Cini jqandel xi ġebel jew blajjet kbar. Il-konvenut ikompli jgħid li l-ħlasijiet lil Cini kien jagħmilhom hu direttament u ġieli ta xi flus lill-attur biex iħallas lil Cini hu.

Il-Qorti pero' ssibha diffiċli tagħti kredibilita lil din it-teżi tal-konvenut. Fl-ewwel lok dan Joseph Cini qatt ma ttella jixhed biex b'xi mod jikkorrobora dak li qal l-istess konvenut. Fit-tieni lok il-Qorti tinnota li l-kopja tal-irċevuti esibiti mill-attur huma ffirmati minn Mario Camilleri u kollha jindikaw li l-ħlas sar mill-attur lill-istess Camilleri. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti imbagħad Camilleri kkonferma li hu kkorda biss mal-attur u li l-ħlas irċevih mingħand l-attur. Inoltre l-uniku kontro-eżami li sarlu mill-konvenuti kien biex ġie stabbilit li huwa kien ħareġ l-irċevuti fiż-żmien li tħallas[49].

<u>Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-attur għal dan il-ħlas ta' €22, 676.45 hija kredibbli u ġustifikata u sejra tiġi akkolta</u>.

b. **Lavur tal-gallarija u balavostri - €1257.86** (Lm540) skont riċevuta mmarkata Dok A a fol 4.

Dwar din l-irċevuta l-attur xehed fl-affidavit tiegħu li dan ix-xogħol inħadem minn certu Carmelo Pace pero' kie poġġihom fil-post il-bennej Mario Camilleri.

<u>Ebda prova li tikkontradixxi l-pretensjoni tal-attur a bażi ta' din l-irċevuta ma tressqet u għalhekk il-Qorti sejra takkolji t-talba tiegħu għall-ħlas ta' €1257.86.</u>

c. **Xogħlijiet minn C. Micallef Contractors - €11,180.99** (Lm4800) skont riċevuta mmarkata Dok J a fol 13.

Dwar din l-irċevuta Valerie Micallef tallega li l-irċevuta hija falza għax fil-kopja li l-attur kien preżenta fil-kawża ta' separazzjoni fuq in-naħa t'isfel kien

[49] Fol 64

hemm data (esibita a fol 122), iżda fil-kopja li huwa preżenta fl-atti tal-kawża odjerna din id-data "sparixxiet."

Il-Qorti pero' ma ssibx li din l-allegazzjoni hija ġustifikata. Huwa ċar li hemm spjegazzjoni sempliċi il-għala din id-data ma tidhirx fil-fattura esibita a fol 13 meta mqabbla ma' dik a fol 122 u dan għax il-fotokopja esibita a fol 13 turi biss parti minn naħa t'isfel tad-dokument meta mqabbel ma' dak a fol 122 tant li kemm il-firma taħt il-kliem "paid in full" kif ukoll il-kliem "1 of 1" taħt il-kliem "*Bill of Quantities*" u li jinsabu bi dritt id-data 04/01/2005 ukoll ma ġewx jidhru. Invece jirriżulta li l-bqija tad-dokument a fol 13, in partikolari d-deskrizzjoni tax-xogħlijiet u ċ-ċifri tal-ħlas, jikkombaċu perfettament ma' dak a fol 122.

Il-konvenut Charles Sacco minn naħa tiegħu ukoll jopponi għal din l-irċevuta. L-istess bħal bintu Valerie huwa jgħid li x-xogħlijiet li l-attur isostni li huma koperti bl-irċevuta ta' Lm4,800 kienu saru b'inkarigu tal-konvenut Sacco u li għalihom kien ħallas is-somma ta' €3138.13 (Lm1347.20) skont Dok 4 a fol 93.

Il-Qorti tinnota li kemm Dok J a fol 13 (u kopja oħra a fol 122) preżentat mill-attur kif ukoll Dok 4 a fol 93 preżentat mill-konvenut it-tnejn jirreferu għal xogħlijiet li saru minn C. Micallef Contractors u fiż-żewġ dokumenti hemm miktub li l-ammonti ndikati hemm tħallsu kif konfermata bil-firma probabilment ta' Micallef (il-konvenut jgħid li fil-frattemp dan miet[50]). Jiġi nnutat ukoll li hemm similarita' kbira bejn il-firma a fol 93 u dik a fol 122. Inoltre mid-deskrizzjoni tax-xogħliijiet li hemm indikati fid-dokumenti preżentati mill-partijiet rispettivi ma jidhirx li dawn huma l-istess għalhekk fuq bażi ta' probabilta' l-ħlasijiet imsemmija saru għal xogħlijiet differenti.

<u>Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-irċevuta preżentata mill-attur għas-somma ta' €11,180.99, immarkata u ffirmata bħala *"paid in full"* għandha tiġi rimborsata lilu mill-konvenut</u>.

d. **Xogħol ta' nstallazzjoni elettrika – €4309.34** (Lm1850) skont riċevuta datata 2 ta' Marzu 1997 immarkata Dok O a fol 18.

---

[50] Fol 84

Il-Qorti tinnota li din il-fattura maħruġa minn Emm's Electrical Projects tgħajjat lill-attur u fuqha ġie ffirmat li *"Paid in full on 02/03/97"*. Ix-xogħol ta' nstallazzjoni elettrika huwa ndikat li sar fi *"new house Demello Street Żurrieq"* – evidentement għalhekk il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Fin-Nota tiegħu a fol 69 l-attur jindika li Emanuel kien miet fil-frattemp u għalhekk ma setax iressqu bħala xhud.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jargumenta li x-xogħol tal-elettriku sar bla ħlas mir-raġel t'oħt l-attur (illum mejjet) u li l-materjal kien xtraħ il-konvenut kif muri f'Dok 5A u 5B a fol 94 u 95.

Il-Qorti pero' tasal għal konklużjoni li anke jekk kellu jiġi aċċettat li r- raġel t'oħt l-attur kien għamel xi xogħlijiet fid-dar in kwistjoni, dan ma jxejjinx il-fatt li saru xogħlijiet ta' nstallazzjoni ta' elettriku u dwal minn Emm's Electrical Projects li għalihom iħarġet id-debita riċevuta u tħallset.

<u>Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-attur għar-rimbors ta' din is-somma ta' €4309.34 lill-attur</u>.

e. **Taraġ tal-irħam – €2012.58** (Lm864) skont *statement* datat 7 t'Awissu 1997 mmarkat Dok P a fol 19 u *statement* tal-ħlasijiet datat 1 t'Ottubru 2004, esibit a fol 20 u mmarkat Dok Q[51].

Il-Qorti tinnota li dawn l-*istatements* huma maħruġa f'isem l-attur.

Mill-*istatement* datat 1 t'Ottubru 2004, esibit a fol 20 u mmarkat Dok Q jirriżulta li l-pagament ta' €1280.13 (Lm549.56) sar fil-25 ta' Settembru 1997 *ergo* wara d-data taż-żwieġ tal-attur, osservazzjoni li saret anke mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fis-sentenza tagħha[52]. Madankollu, u kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenut fl-affidavit tiegħu, din is-somma ma jirriżultax li mbagħad ġie riżarċit għaliha l-attur fil-likwidazzjoni ta' ħlas *arbitrio boni* li huwa rċieva mingħand martu kif ordnat mill-Qorti għall-benefikati li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

<u>Għalhekk l-attur jistħoqqlu jitħallas din is-somma ta' €2012.58</u>.

---

[51] Ir-rappreżentant tas-soċjeta' Hal Mann ikkonferma li dawn l-istatements ħarġu mingħandom
[52] Fol 109

f. **Kmamar tal-banju - total ta' €3899.36** in kwantu għal €1297.46 (Lm557) skont *invoice* datata 3 t'April 1997 mmarkata Dok H a fol 11; €698.81 (Lm300) skont riċevuta mmarkata Dok L a fol 15; €722.10 (Lm310) skont riċevuta datata 1 ta' Lulju 1997 mmarkata Dok M a fol 16; u €1180.99 (Lm507) skont riċevuta datata 2 ta' Lulju 1997 mmarkata Dok N a fol 17.

Il-Qorti tinnota li mix-xhieda ta' Anthony Briffa d-direttur tal-Bathline Co Ltd jirriżulta li d-dokument immarkat Dok H a fol 11 għas-somma ta' €1297.46 (Lm557) huwa biss stima, filwaqt li huma fatturi li fuqhom sar il-ħlas lil din is-soċjeta' dawk immarkati Dok M a fol 16 u Dok N a fol 17.

B'hekk huma biss is-somom indikati f'dawn il-fatturi u ċioe t-total ta' €1903.09 li ser jiġu akkordati lill-attur.

g. **Tqegħid ta' madum – €2678.77** (Lm1150) skont riċevuta datata 6 ta' Ġunju 1997 mmarkata Dok I a fol 12.

Anthony Busuttil, li kien iffirma l-irċevuta xehed quddiem il-Qorti li hu kien tħallas ta' dan ix-xogħol[53]. Il-Qorti tinnota li għalkemm fix-xhieda tiegħu huwa qal li minħabba t-trapass taż-żmien huwa ma kienx jiftakar min ħallsu, skont l-irċevuta tal-1997 il-flus irċevihom mingħand l-attur. Jiġi nnutat ukoll li l-konvenuti kienu ddikjaraw li ma kellhom ebda kontro-eżami x'jagħmlu lil dan ix-xhud.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jgħid li għat-twaħħil tal-madum huwa kien inkariga lil ċertu Alfred Busuttil[54] u li kien ħallsu s-somma ta' €1351.03 (Lm580) skont riċevuta datata 3 ta' Diċembru 1997.

Il-Qorti iżda tqis li filwaqt li *se mai* ġie muri li saru xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum mill-lavrant inkarigat mill-konvenut pero' ġie muri wkoll a sodisfazzjon tal-Qorti li saru wkoll xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum minn Anthony Busuttil għas-somma ndikata minnu bi ħlas li sar mill-attur.

[53] Fol 62
[54] Affidavit a fol 84

Għalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talba tal-attur għall-ħlas ta' din is-somma ta' €2678.77.

h. **Aperturi tal-aluminium – €1630.56** (Lm700) skont riċevuta datata 18 ta' Settembru 1997 mmarkata Dok K a fol 14.

Il-konvenut Charles Sacco rribatta li ta' dawn l-aperturi l-attur diġa tħallas bis-saħħa tas-sentenza li tat il-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fis-27 ta' Marzu 2012[55].

Il-Qorti tqis li l-konvenut għandu raġun dwar din l-irċevuta. Filwaqt li l-Qorti tal-Appell kienet irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti għar-rigward tas-somma ta' €49,468.90 li kienu ġew likwidati a favur l-attur odjern bħala kreditu parafernali għall-ispejjeż li għamel fil-kostruzzjoni tad-dar matrimonjali, ma sarx l-istess fir-rigward tas-somma ta' €7,500 *arbitrio boni viri* li l-ewwel Qorti ordnat lil Valerie Muscat biex tħallas lil Aldrin Muscat għal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti[56]. Jirriżulta nfatti li dan il-kumpens *arbitrio boni viri* jinludi l-ħlas għax-xogħol tal-*aluminium* li sar fid-dar għall-valur ta' Lm700 (€1630.56) u għalhekk il-konvenut m'għandux jerġa jħallas lill-attur għal dan l-ammont inkella jiġi ndebitament arrikit hu stess

.

It-talba tal-attur fir-rigward ta' din l-irċevuta sejra għalhekk tiġi miċħuda.

**Ghaldaqstant it-total ta' ħlas li huwa dovut lill-attur a bażi tal-irċevuti esibiti minnu huwa ta' sitta u erbgħin elf u dsatax il-Ewro u tmien ċenteżmi (€46,019.08).**

7. L-attur jitlob ukoll ħlas għal xogħol li jgħid li għamel fid-dar u li stmah għat-total ta' €5,950 bir-rata ta' €20 is-siegħa[57]. Huwa elenka s-segwenti[58] -

a. Tħammil tal-ġiebja - €500

[55] Affidavit a fol 84
[56] Fol 109 et seq
[57] Affidavit a fol 44
[58] Dok X a fol 46

b. Twaqqiegħ tas-saqaf tal-garaxx fejn qal li ħatt ġebla ġebla biex użah għall-pedament - €700

c. Tħaffir ta' ħofra kbira ġol-garaxx, ġol-blat għall-ilma tax-xita - €300

d. Tħammil tal-pedamenti mill-ħamrija li kien hemm mal-appoġġ ta' barra biex għamillu l-plastic minħabba l-umdita' - €350

e. Tqattigħ tat-trinek tad-dawl u ilma - €750

f. Tindif ta' madum wara t-tibjid - €250

g. L-għoti taż-żebgħa lill-poġġamani tad-dar kollha minn fuq s'isfel - €200

h. L-għoti ta' konkos fir-rampa u l-art tal-basement - €2000

i. Xiri ta' żebgħa, siment u affarijiet utilizzati biex sar dan ix-xogħol kollu fuq imsemmi - €400

j. Tindif ta' materjal li ħallew il-bennejja, kiri ta' skips biex jintrema t-terrapien/ materjal ieħor barra xogħol ieħor li ma jidhirx - €500.

8. Dwar dawn il-pretensjonijiet appena msemmija l-Qorti tqis li –

a. Filwaqt li l-attur qiegħed jitlob €500 għat-tħammil tal-ġiebja u €350 oħra għat- tħammil tal-pedamenti mill-ħamrija li kien hemm mal-appoġġ ta' barra biex għamillu l-plastic minħabba l-umdita', fl-affidavit tiegħu huwa xehed li "*It-tħammil kien ukoll f'idejn Charles Sacco li ħallas għalih hu*[59]*.*" Mela ma ħaqqux l-attur jitlob flus hu għal dak li jirrigwarda tħammil. Għal din ir-raġuni l-Qorti m'hijiex ser tilqa' dawn it-talbiet għall-ħlas.

b. Dwar is-somma ta' €700 għat-twaqqiegħ tas-saqaf tal-garaxx fejn qal li ħatt ġebla ġebla biex użah għall-pedament l-Qorti tibda billi tinnota li fuq ammissjoni tal-attur stess fl-affidavit tiegħu kien il-konvenut Charles Sacco li *"ħallas biex jitkisser is-saqaf tal-garaxx bil-jackhammer*[60]*."* Mela ma ħaqqux l-attur jitlob ħlas marbut mat-twaqqiegħ tas-saqaf tal-garaxx. Iżda huwa kompla jgħid li kien huwa li ħatt il-garaxx ġebla ġebla biex użah għall-basement[61]. Dan

[59] Fol 42
[60] Fol 42
[61] Fol 42

ma ġiex miċħud mill-konvenuti u lanqas inġiebet prova kuntrarja. Fuq bażi ta' probabilita' l-Qorti sejra tilqa' t-talba iżda limitatament u *arbitrio boni viri* għas-somma ta' **€250.**

c. Dwar is-somma ta' €300 pretiża mill-attur għal tħaffir ta' ħofra kbira ġol-garaxx, ġol-blat għall-ilma tax-xita il-Qorti tinnota li dan ix-xogħol ma ġiex negat mill-konvenuti u ma nġibtx prova kuntrarja. *Arbitrio boni viri* l-Qorti sejra takkorda s-somma ta' **€200** kumpens li jkopri għaxar sigħat sħaħ ta' xogħol u li fil-fehma tal-Qorti huwa ħin adegwat.

d. Dwar is-somma ta' €750 pretiża mill-attur għal tqattigħ tat-trinek tad-dawl u ilma l-Qorti tinnota li l-konvenut jgħid fl-affidavit tiegħu li kien huwa li qatta' t-trinek[62]. Fuq bażi ta' probabilita' l-Qorti sejra tqis li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ikkontribwew f'dawn ix-xogħlijiet u għalhekk *arbitrio boni viri* sejra tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' **€375.**

e. Dwar is-somma ta' €2000 pretiża mill-attur għall-għoti ta' konkos fir-rampa u l-art tal-basement l-Qorti tinnota li fuq ammissjoni tal-attur stess fl-affidavit tiegħu kien il-konvenut li bena a spejjeż tiegħu il-basement sal-planki[63] u għalhekk mhijiex ser tilqa' din it-talba.

f. Dwar il-bqija tal-pretensjoniijiet tal-attur mill-elenku fuq imsemmi, fin-nuqqas ta' prova li dawn ma sarux mill-attur, iżda wkoll fl-isfond tal-fatt li ċ-ċifri mitluba huma biss stimi l-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-attur għas-somma ta' **€450** *arbitrio boni viri.*

<u>**Total ta' kumpens li ser jiġi likwidat *arbitrio boni viri* għax-xogħolijiet li l-attur għamel fid-dar: Elf mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro (€1275)**</u>

9. L-attur qed jitlob ukoll kumpens għal <u>spejjeż oħra li allegatament għamel u li tagħhom m'għandux riċevuta</u>. Huwa elenka dawn l-ispejjeż hekk f'Fol 69 –

a. Taraġ tal-ħadid u tlett bibien tal-ħadid tal-bejt u tal-garaxx - €2096 (Lm900)

b. 2 Stained glass windows - €1398 (Lm600)

---

[62] Fol 84
[63] Fol 42

c. Fireplace - €1165 (Lm500)

d. Ħorża tal-bir - €233 (Lm100)

e. Lavur tal-faċċata - €1258 (Lm540)

f. Membrane tal-bejt - €1863 (Lm800)

g. Xogħol ta' kisi tal-ġibs tal-bedroom u żebgħa tal-appoġġi - €1863 (Lm800)

h. Plumbing tal-post kollu - €1165 (Lm500)

i. Tqegħid ta' madum tas-sular ta' fuq li mhux inkluż fil-kont ta' Anthony Busuttil- €1165 (Lm500).

Il-perit nominat mill-Qorti **Nicholas Mallia** ta l-istima tiegħu dwar dawn l-ispejjeż fir-rapport tiegħu.

Jiġi nnutat fl-ewwel lok li fl-affidavit tiegħu il-konvenut qiegħed jikkontesta fermement uħud minn dawn l-ispejjeż elenkati a fol 69 mill-attur għax isostni li saru a spejjeż tiegħu u mhux tal-attur fosthom għar-rigward tal-*plumbing* u l-*membrane*. Iżda fir-rapport tal-perit tekniku Mallia, Valerie Muscat bint il-konvenuti kienet qablet li dawn ix-xogħlijiet kienu effettivment tħallsu mill-attur. Ġie nfatti dikjarat li waqt l-aċċess mal-perit, il-partijiet kienu *"qablu li x-xogħolijiet elenkati fid-dokument tal-atti numru 69...tħallsu minn Aldrin Muscat fis-sena 1998 jew 1999*[64]*."* Għalhekk, dak li qal il-konvenut Sacco dwar dawn ix-xogħolijiet fix-xhieda tiegħu ser jiġi skartat.

Madankollu qabel ma teżamina t-talbiet tal-attur fuq kull waħda minn dawn l-ispejjeż imsemmija, l-Qorti tirrileva li kif sollevat ukoll mill-konvenuti[65] is-sentenza tal-ewwel Qorti fil-kawża ta' separazzjoni diġa' ordnat lill-Valerie Muscat biex tħallsu somma flus *arbitrio boni viri* għal uħud minnhom u dan peress li tali spejjeż saru waqt iż-żwieġ u mhux qabel u għalhekk ġew meqjusa li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Infatti kif jirriżulta mill-istess sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja tas-27 ta' Marzu 2012 il-Qorti kienet ordnat lil Valerie Muscat tħallas lill-attur mhux biss is-somma ta' €49,648.90 in kwantu għal kreditu parafernali tiegħu iżda wkoll is-somma ta' €7,500 *arbitrio*

[64] Fol 186
[65] Fol 207

*boni viri* għal dak li jirrigwarda oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li l-Qorti ddeċidiet li għandhom jiġu assenjati lil Valerie bil-kumpens imsemmi mogħti lil żewġha. Issa kif diġa ġie aċċennat aktar qabel fis-sentenza tal-lum, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2013[66] kienet irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti biss għar-rigward tas-somma ta' €49,468.90 u ċioe' għall-kreditu parafernali tal-attur, iżda mhux fir-rigward tas-somma ta' €7,500 *arbitrio boni viri* li jkopru l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk dak deċiż fis-sentenza tal-ewwel Qorti fil-proċeduri ta' separazzjoni għal dak li jolqot is-somma ta' €7,500 għadda in ġudikat.

Ferm il-premess il-Qorti issib li s-segwenti spejjeż mitlubin mill-attur a fol 69 diġa huma koperti fis-somma ta' €7,500 akkordata fil-proċeduri ta' separazzjoni msemmija u ċioe'[67] –

a. It-Taraġ tal-ħadid u tlett bibien tal-ħadid tal-bejt u tal-garaxx indikati bħala "*Steel works*" fil-proċeduri ta' separazzjoni

b. 2 *Stained glass windows* indikati wkoll bħala "*Stained Glass*" fil-proċeduri ta' separazzjoni

c. *Fireplace* indikat b'mod identiku fil-proċeduri ta' separazzjoni

d. Ħorża tal-bir indikata b'mod identiku fil-proċeduri ta' separazzjoni

e. *Membrane* tal-bejt indikat bħala "*Membrane* tas-saqaf" fil-proċeduri ta' separazzjoni

f. Xogħol ta' kisi tal-ġibs tal-*bedroom* u żebgħa tal-appoġġi indikati bħala "Kisi tas-*single bedroom*" u "kisi ta' l-appoġġi" fil-proċeduri ta' separazzjoni.

Jifdal għalhekk il-konsiderazzjoni dwar tlett oġġetti li sal-lum l-attur ma jidhirx li tħallas għalihom u ċioe' -

i. Lavur tal-faċċata li għalih l-attur qed jitlob €1258 (Lm540)

ii. *Plumbing* tal-post kollu li għalih l-attur qed jitlob €1165 (Lm500)

iii. Tqegħid ta' madum tas-sular ta' fuq li mhux inkluż fil-kont ta' Anthony Busuttil u li għalih l-attur qed jitlob €1165 (Lm500).

---

[66] Fol 113 et seq
[67] Fol 109-110

Minn naħa tiegħu il-perit Nicholas Mallia ta l-istima kif ġej għal dawn l-oġġetti-

i. Lavur tal-faċċata - €2,500

ii. *Plumbing* tal-post - €2,300

iii. Tqegħid ta' madum tas-sular ta' fuq (inkluż tal-*washroom*) - €1,800

Madankollu dawn l-istimi saru fuq il-bażi tal-prezzijiet tas-suq fis-sena 2015. Jiġi osservat li l-istima għax-xogħlijiet b'sena stima 1998-1999 ġiet ridotta sostanzjalment mill-perit li pero' ta figura globali u mhux għal kull *item*.

**Wara li l-Qorti qieset dak kollu li ngħad fir-rigward fis-suespost sejra tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) għal dawn it-tlett oġġetti li mhumhiex koperti b'riċevuta.**

**B'hekk filwaqt li sejra tilqa' limitatament it-talbiet attriċi a bazi ta' dak hawn fuq premess, tiddeċiedi li s-somma totali li għandha titħallas lill-attur għall-pretensjonijiet kollha tiegħu hija:**

**a. Kumpens għall-spejjeż koperti bl-irċevuti - €46,019.08**

**b. Kumpens għal xogħolijiet oħra li l-attur għamel fid-dar - €1,275**

**c. Kumpens għal xogħolijiet li mhumhiex koperti bl-irċevuta - €1,500**

**TOTAL: Tmienja u erbgħin elf seba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€48, 794.08)**

Fid-dawl tas-suespost il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ser jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni billi tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront biss tal-konvenuta Bridget Sacco iżda l-azzjoni mhijiex preskritta fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Charles Sacco;**

**2. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**3. Tilqa' limitatament it-talbiet tal-attur billi tiddikjara li l-konvenut Charles Sacco huwa debitur tal-attur fis-somma totali ta' tmienja u erbgħin elf seba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€48, 794.08) bħala ħlas ta' xogħolijiet inkluż materjal u atrezzaturi li saru fil-fond Meadowlark, Triq De Mello, Żurrieq mibni mill-attur fuq art proprjeta' tal-konvenut u tordna lill-istess konvenut iħallas tali somma lill-attur;**

**4. Bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ġunju 2009 u bl-ispejjeż tal-kawża li għandhom jitħallsu mill-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**